**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 91/2021VG**

**Fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali (maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) numru 604/2015 fl-ismijiet:**

**Jonathan Zammit**

**Vs**

**Ammarit Nattapong**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Ammarit Nattapong fit-12 ta' April 2021 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna: (1) Tirrexxindi u tiddikjara null u mingħajr effett it-titolu eżekuttiv miksub minn Jonathan Zammit permezz ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/2015 ippreżentata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet "Jonathan Zammit v. Ammarit Nattapong"; (2) Konsegwentement, tawtorizzah sabiex a spejjeż ta' Jonathan Zammit jippreżenta kull att konsegwenzjali li jista' jkun meħtieġ inklużi kontro-mandati, u jinnotifikahom lil min għandhom jiġu innotifikati, ukoll a spejjez ta' Jonathan Zammit;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur, ossia vera fotokopja ta' l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1985/15 fl-ismijiet "Jonathan Zammit v. Ammarit Nattapong" u vera fotokopja ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 604/15 fl-ismijiet "Jonathan Zammit v. Ammarit Nattapong" datata 24 ta' April 2015, markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 4 sa' 14 tal-proċess;

Rat l-oriġinal ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 604/15 fl-ismijiet "Jonathan Zammit v. Ammarit Nattapong" datata 24 ta' April 2015, a fol. 15 sa' 19 tal-proċess;

Rat ir-Risposta ta' Jonathan Zammit permezz ta' liema jopponi għat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt, u minflok tiġi kkonfermata l-validità

ta' l-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 604/2015 kif ukoll ta' atti maħruġa in esekuzzjoni ta' l-istess;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta ta' Jonathan Zammit, ossia stqarrija rilaxxata minn Ammarit Nattapong fis-6 ta' Diċembru 2014 u estratt mir-Reġistru Elettorali, markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 31 sa' 33 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda tar-Rikorrent[1] u ta' Pankaew Seekhampha Muscat[2] mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2021, semgħet ix-xhieda ta' PS790 Nathan Zerafa[3] u ta' Dr. Charlene Muscat[4] mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2021 u rat id-dokument esebit minn PS790 Nathan Zerafa markat Dok. "NZ" a fol.59 sa' 62 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jitlob li l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna: (1) tirrexxindi u tiddikjara null u mingħajr effett it-titolu eżekuttiv miksub minn mill-Intimat permezz ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/2015 ippreżentata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet "Jonathan Zammit v. Ammarit Nattapong"; (2) konsegwentement, tawtorizzah sabiex a spejjeż ta' l-Intimat jippreżenta kull att konsegwenzjali li jista' jkun meħtieġ inklużi kontro-mandati, u jinnotifikahom lil min għandhom jiġu nnotifikati, ukoll a spejjez ta' l-istess Intimat.

Ir-Rikorrent jibbaża t-talbiet tiegħu fuq is-segwenti affermazzjonijiet: (1) ma ġiex notifikat kif imiss bl-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/15 in kwantu mir-riferta jirriżulta li l-imsemmija Ittra Uffiċjali tħalliet f'idejn ommu Pankaew Seekhampha Muscat, li hija persuna ta' nazzjonalità Tajlandiża u ma tifhimx bil-Malti u peress illi minkejja l-fatt li r-Rikorrent għandu isem u kunjom mhux Maltin u minflok Karta ta' l-Identità dak iż-żmien kellu *Residence Card,* l-Ittra Uffiċjali ma kenitx akkumpanjata bi traduzzjoni bil-lingwa Ingliża kif prefiss fl-Artikolu 5 tal-Kap.189 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tatx każ ta' l-att bir-riżultat li huwa qatt ma sar jaf bih; (2) fiż-żmien tal-preżentata ta' l-Ittra Uffiċjali huwa ma kienx jirrisjedi fil-fond 63, "Berkat" Flat 3, Triq il-Gandoffli, San Pawl il-Baħar, iżda f'post ieħor; (3) l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/15 ma fihiex il-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi l-ammont imsemmi fl-Ittra Uffiċjali ma huwiex cert, likwidu u dovut. Ma huwiex magħruf kif l-Intimat wasal għall-ammont minnu pretiż jew kif dan ġie kkalkulat. Għalkemm hemm referenza għal spejjeż ta' materjalu ħlasijiet, l-Intimat ma ppreżentax *statements* jew riċevuti jew imqar fatturi li jindikaw li l-ammont minnu reklamat kien verament dovut lilu mir-Rikorrent. Apparte minn hekk, il-ħtija attribwita lilu mill-Intimat fl-Ittra Uffiċjali in kwistjoni, hija biss konġettura stante li mkien ma jista' jingħad li xi qorti jew tribunal sabuh ħati

[1] Fol. 35 sa' 42 tal-proċess.
[2] Fol. 43 sa' 50 tal-proċess.
[3] Fol. 57 u 58 tal-process
[4] Fol. 63 sa' 65 tal-process

ta' nuqqas ta' kompetenza fis-sewqan jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti applikabbli.

L-Intimat da parte tiegħu jopponi għat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li jiġu miċħuda fl-intier tagħhom u minflok tiġi kkonfermata l-validità ta' l-Ittra Uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 604/2015 kif ukoll ta' atti maħruġa in esekuzzjoni ta' l-istess. Huwa jibbaża l-oppozizzjoni tiegħu fuq is-segwenti: (1) kuntrarjament għal dak affermat u pretiż mir-Rikorrent, l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/2015 ġiet lilu debitament notifikata stante li: (i) ġiet notifikata fl-indirizz minnu stess mogħti lill-Pulizija Eżekuttiva ftit xhur qabel, bħala l-indirizz residenzjali tiegħu; (ii) l-Ittra Uffiċjali tħalliet f'idejn ommu; (2) mir-riferta ta' l-Ittra Uffiċjali jirriżulta li l-istess ġiet notifikata f'idejn Pankaew Seekhampha Muscat flimkien ma' estratt mill-Artikolu 5 ta' l-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarju (Użu ta' l-Ilsien Ingliż), Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u fi kwalunkwe każ, ir-Rikorrent jifhem u jitkellem perfettament bil-Malti; (3) l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/2015 hija in konformità mal-Liġi, senjatament ma' l-Artikolu 166A(1),(2) u (3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta: (i) il-kreditu pretiż jaqa' entro l-limitu stipulat fl-imsemmi artikolu tal-Liġi u ngħatat spjegazzjoni ta' fiex kien jikkonsisti l-ammont minnu pretiż, ossia spejjeż sabiex jinxtara l-materjal, isiru it-tiswijiet, kiri ta' vettura w imgħax dovut fuq l-ammont; (ii) l-Ittra Uffiċjali hija fil-forma stabbilita mill-Ministru, hija ikkonfermata bil-ġurament, tinkludi r-raġuni li fuqha hija msejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa' u dikjarazzjoni tal-fatti; (iii) fiha wkoll l-intimazzjoni lid-debitur Intimat, mhux biss fl-intestatura ta' l-Ittra Uffiċjali iżda anke fit-test ta' l-istess.

L-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

(1) *F'azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt, u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000)*[5]*, jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista' jipproċedi skond dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu li ġejjin: Iżda meta d-dejn ma jkunx likwidu, il-kreditur jista' jimxi skond dan l-artikolu jekk huwa jillimita d-dejn tiegħu għal ammont li ma jeċċedix ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u jirrinunzja espressament għal kull parti mit-talba tiegħu li tista' meta tiġi likwidata teċċedi dik is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru: Iżda wkoll il-kreditur ikun jista' jimxi skond dan l-artikolu biss jekk id-debitur ikun preżenti f'Malta u ma jkunx minuri jew persuna inkapaċitata skond il-ligi u jekk id-dejn ma jkunx dovut minn eredità ġjaċenti. Il-ħatra ta' kuraturi skond it-Titolu XI tat-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi ma għandhiex tapplika għal proċeduri skond dan l-artikolu: Iżda ukoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, meta dejn illi għalih ikun japplika dan l-artikolu jkun kopert b'polza ta' assigurazzjoni, l-assigurat għandu, bla ħsara għal dak stipulat fil-polza ta' assigurazzjoni, fi żmien ħmsitax-il ġurnata mindu*

[5] Fiż-żmien tal-preżentata ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/15, l-ammont previst fil-Liġi għall-finijiet ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta kien €23,293.73.

*jiġi notifikat b'ittra uffiċjali magħmula skond dan l-artikolu javża bil-miktub lill-assigurazzjoni b'dik l-ittra uffiċjali u jagħtiha dawk id-dettalji dwar it-talba illi huwa jkun jaf bihom. Fin-nuqqas, kull titolu eżekuttiv li jinkiseb skond dan l-artikolu ma jkollu l-ebda effett fir-rigward ta' l-assiguratur.*

(2) *Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illi għandha tkun skond forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-debitur fejn għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba:….*

(3) *L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv: …*

(4) *Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).*

It-titolu eżekuttiv li jinkiseb tramite Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għandu, ai termini tas-subartikolu (5) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi, jiġi rexiss u dikjarat null u bla ebda effett meta fuq talba li d-debitur Intimat jagħmel permezz ta' Rikors quddiem il-Qorti kompetenti fi żmien għoxrin ġurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, dik il-Qorti tkun sodisfatta li: (a) id-debitur ma kienx jaf bl-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (b) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn eżami akkurat tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta immedjatament evidenti li l-proċedura hemm kontemplata hija waħda speċjali u il-kreditur għandu jimxi akkuratament ma' dak provdut fl-imsemmi artikolu tal-Liġi, tant illi n-nuqqas ta' osservanza tal-ħtiġijiet hemm stipulati jwassal għan-nullità tat-titolu eżekuttiv ottenut bil-proċedura imsemmija.

Fil-fehma tal-Qorti fil-każ in eżami huwa proprio dan l-element ta' l-ispeċjalità tal-proċedura adoperata mill-Intimat fil-konfront tar-Rikorrent u jekk l-istess ġiex debitament rispettat mill-istess Intimat, li għandu l-iktar importanza għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent; ferm iktar mill-fatt li l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/15 allegatament ma ġiex akkompanjata bi traduzzjoni kif previst fl-

Artikolu 5 tal-Kap. 189 tal-Liġijiet ta' Malta u mill-fatt li l-istess imsemmija Ittra Uffiċjali ma ġietx debitament notifikata lir-Rikorrent. In effetti dawn iż-żewġ allegazzjonijiet partikolari sollevati mir-Rikorrent irriżultaw għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-Artikolu 5 tal-Kap. 189 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Meta għandu jiġi notifikat xi att lil xi persuna li r-reġistratur ikollu raġuni li jaħseb li titkellem bl-Ingliż, ir-reġistratur għandu jara li ssir traduzzjoni tiegħu fl-ilsien Ingliż minn uffiċjal tar-reġistru u n-notifika tiġi effettwata billi tiġi konsenjata kopja ta' l-oriġinal u t-traduzzjoni tiegħu. (2) Jekk, għal xi raġuni tkun li tkun, it-traduzzjoni bl-Ingliż ta' xi att bħal dak ma tiġix notifikata lil persuna li titkellem bl-Ingliż dik il-persuna tista' tagħmel fir-reġistru, jew tibghat lir-reġistratur, b'kull mod, dikjarazzjoni fis-sens li hija persuna li titkellem bl-Ingliż u titlob traduzzjoni bl-Ingliż ta' l-att notifikat lilha. (3) Wara xi talba bħal dik, ir-reġistratur għandu jara li ssir traduzzjoni ta' l-att kif intqal qabel u li tiġi konsenjata lill-applikant kemm jista' jkun malajr; u, jekk f'xi każ bħal dan it-talba imsemmija tasal fir-reġistru tal-qorti mhux aktar tard mill-ħin stabbilit għall-egħluq tiegħu fit-tielet ġurnata tax-xogħol wara d-data tan-notifika tal-kopja ta' l-att oriġinali, kull terminu legali jew ġudizzjarju li l-bidu tiegħu jkun jiddependi min-notifika ta' l-att oriġinali għandu jibda jgħaddi mid-data tal-konsenja tat-traduzzjoni. (4) Jekk jiġi pruvat illi l-imsemmija dikjarazzjoni ma tkunx ġiet magħmula in bona fede, l-applikant ikun suġġett għal proċeduri għal disprezz tal-qorti. (5) Kopja bl-ilsien Ingliż tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa' (4) inklużi għandha tiġi riprodotta jew annessa ma' kull kopja ta' kull att li għandu jiġi notifikat lil xi persuna.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta ferm ċar li l-pretensjoni tar-Rikorrent li kien hemm xi nuqqas fl-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/15, u b'mod partikolari fin-notifika ta' l-istess, għaliex ma kenitx akkumpanjata bi traduzzjoni bil-lingwa Ingliża, hija għal kollox ġuridikatament insostenibbli.

L-Artikolu 5 tal-Kap.189 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ebda mod ma jeffettwa u jimpinġi fuq il-validità ta' l-att ġiudizzjarju per se. In-nuqqas ta' traduzzjoni bl-Ingliż tista' se mai u entro il-parametri prefissi mill-istess artikolu, teffettwa biss u timpinġi fuq id-dekors ta' kwalunkwe terminu legali jew ġudizzjarju dipendenti fuq in-notifika ta' dak l-att ġudizzjarju. Apparte minhekk it-traduzzjoni hija meħtieġa meta tkun il-persuna li lilha jkun indirizzat l-att ġudizzjarju li titkellem bl-Ingliż jew li r-Reġistratur ikollu raġuni jaħseb li titkellem bl-Ingliż, u mhux meta tkun it-terza persuna li tilqa' n-notifika ta' dak l-att, li titkellem bl-Ingliż. In effetti f'dan il-każ, minkejja l-fatt li r-Rikorrent għandu isem evidentement barrani u fiż-żmien tal-preżentata ta' l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni kellu Residence Permit u mhux Karta ta' l-Identità maħruġa mill-Awtoritajiet Maltin, irriżulta bl-iktar mod ċar li huwa jifhem u jitkellem bil-Malti sew. Dan jirriżulta mhux biss mix-xhieda li ta quddiem il-Qorti waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2021[6] iżda anke mill-istqarrija li kien irrilaxxa lill-Pulizija Eżekuttiva fis-6 ta' Diċembru 2014[7].

[6] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2021, fol. 35 sa' 42 tal-proċess.
[7] Dok. "A" a fol. 31 u 32 tal-proċess.

In verità meta wieħed jikkonsidra l-lanjanza tar-Rikorrent fir-rigward tan-nuqqas ta' traduzzjoni bil-lingwa Ingliża ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/15, jinduna li din hija iktar diretta lejn il-fatt li ommu - ossia l-persuna li laqgħet in-notifika ta' l-ittra - ma tifhimx bil-lingwa Maltija milli għaliex huwa jista' ma jifhimx b'din il-lingwa. Tali lanjanza però kif già osservat ma hijiex ġuridikament sostenibbli u ċertament fiha nfisha ma toħloqx irregolarità fin-notifika ta' l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni.

L-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fiż-żmien tan-notifika ta' l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni, kien jipprovdi li: *in-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha: Iżda, il-kopja ma tistax titħalla f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li, fil-ħin tan-notifika, għandha diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tagħti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaċi li tagħti dik ix-xhieda sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala rregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata: …*

Mill-atti proċesswali u mix-xhieda tar-Rikorrent[8] u ta' Pankaew Seekhampha Muscat[9], jirriżulta li l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/15 ġiet notifikata f'idejn Pankaew Seekhampha Muscat, li tiġi omm ir-Rikorrent, fl-indirizz 63, Bercut Flats, Flat 3, Triq il-Gandofli, Buġibba[10], liema indirizz kien l-indirizz residenzjali tar-Rikorrent, hekk kif jirriżulta mill-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija Eżekuttiva[11]. Din Pankaew Seekhampha Muscat ikkonfermat li rċeviet l-ittra in kwistjoni u li għalkemm ma kenitx taf ezatt x'inhi, għarfet li kienet korrispondenza indirizzata lil binha r-Rikorrent. Ikkonfermat ukoll li nfurmat lir-Rikorrent li kien irċieva ittra u ħallietha fil-post fejn kienet soltu tħallilu l-korrispondenza iżda din l-ittra għal xi raġuni ntilfet u binha ma ġabarha qatt.

Fil-fehma tal-Qorti tali notifika hija valida ai termini tal-Liġi. Il-fatt li l-ittra in kwistjoni intilfet jew ir-Rikorrent għażel li jinjoraha u ma jagħtix kasha, jew addirittura Pankaew Seekhampha ma tatx kasha għax ma fehmitx x'inhi, ma jirrendix in-notifika bħala waħda mhux valida ai termini tal-Liġi.

Ir-Rikorrent u ommhu jallegaw li fiż-żmien in kwistjoni r-Rikorrent ma kienx residenti fil-fond ta' San Pawl il-Baħar imma kien residenti x'imkien Tas-Sliema. Minkejja dak minnhom allegat però, ma ressqu l-ebda prova konvinċenti fir-rigward. In effetti mistoqsija għal iktar dettalji dwar l-indirizz f'Tas-Sliema fejn allegatament kien qed jirrisjedi r-Rikorrent u anke l-perijodu ta' żmien meta kien hekk residenti Tas-Sliema, in kwantu entrambe kkonfermaw li dan l-allegat arranġament kien wieħed temporaneju, kemm ir-Rikorrent kif ukoll Pankaew Seekhampha Muscat, kienu ferm evażivi fir-risposti tagħhom. Apparte minhekk il-Qorti ma tistax tonqos

---

[8] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta 'Mejju 2021, fol. 35 sa '42 tal-proċess.
[9] xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2021, fol. 43 sa' 50 tal-proċess.
[10] Indirizz kif jidher fuq l-ittra uffiċjali.
[11] Dok. "A" fol. 31 u 32 tal-proċess.

milli tosserva li r-Rikorrent u ommu lanqas ma qablu bl-eżatt dwar ir-raġuni għalfejn ir-Rikorrent kien allegatament qed joqgħod Tas-Sliema. Filwaqt li r-Rikorrent allega li mar joqgħod Tas-Sliema għand ħabib ta' ommu biex jitgħallem il-kitarra, Pankaew Seekhampha Muscat allegat li r-Rikorrent mar joqgħod Tas-Sliema għand ħabib tagħha biex jitgħallem l-arti tat-tisjir Tajlandiż u anke sabiex jitgħallem idoqq il-kitarra.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti diffiċilment tista' temmen u b'hekk tqis li r-Rikorrent ma ġiex debitament notifikat ai termini tal-Liġi bl-Ittra Uffiċjali bin-Numru 406/15.

Kif ingħad iktar 'l fuq però, f'dan il-każ hija iktar n-natura speċjali tal-proċedura ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk tali natura speċjali ġietx debitament rispettata mill-Intimat li hija ċentrali u fondamentali għad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna.

Fir-rigward tal-proċedura ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tosserva li huwa ormai prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li: *permezz tal-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12, il-leġislatur kellu l-ħsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawżi li jsiru billi ntroduċa din il-proċedura speċjali. … Wieħed għandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha tagħmel kawża għaliex ma jkollhiex titolu eżekuttiv, wara l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 166A, kreditur jista' jottjeni titolu eżekuttiv b'sempliċi ittra uffiċjali. Hu minnu li d-debitur għandu l-opportunità kollha li f'każ ta' dubju jippreżenta nota fit-terminu ta' 30 ġurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk iġiegħel lill-kreditur ikun kostrett jagħmel kawża, madanakollu l-ħtieġa ta' l-ittra uffiċjali jkollha "dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba". Madanakollu dan ir-rekwiżit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullità ta' l-ittra uffiċjali għal finijiet ta' l-Artikolu 166A. Il-kreditur għandu obbligu li fl-ittra uffiċjali jagħti biżżejjed tagħrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar xiex jittratta d-dejn u fl-istess ħin ipoġġih f'posizzjoni li jista' jiddeċiedi jekk għandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss*[12].

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għad-Digriet mogħti minnha fit-18 ta' Awwissu 2011 fil-proċeduri **Wara l-Ittra Uffiċjali Eżekuttiva 2477/09 fl-ismijiet: Vincent Borg v. Shaun Risiott, Rik. Nru. 175/11**, fejn osservat illi: *il-proċedura introdotta bl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta hija proċedura speċjali ħafna u dak dettat mill-Leġislatur għall-validità tagħha għandu jiġi segwit rigorosament. Għalkemm il-proċedura hija bbażata fuq il-preżentata ta' ittra uffiċjali mill-kreditur kontra d-debitur, din l-ittra uffiċjali ma tistax titqies bħala sempliċi interpellazzjoni għall-ħlas fejn it-tagħrif mogħti mill-kreditur lid-debitur jista' ma jkunx daqshekk dettaljat, basta li d-debitur ikun jaf dwar xiex jittratta d-dejn li qed jiġi interpellat iħallas. F'każ ta' sempliċi interpellazzjoni għall-ħlas mhux neċessarju li jingħata daqstant dettal oltre n-natura tad-dejn u r-raġuni għall-ħlas, għaliex f'każ ta' inadempjenza da parte tad-debitur il-kreditur jipproċedi bil-proċeduri ġiudizzjarji quddiem il-Qorti/Tribunal kompetenti fejn hemm jagħti iktar dettal in sostenn tal-pretensjoni tiegħu w id-debitur ikun jista' mhux biss jaf dwar*

[12] Wara l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv preżentat fid-19 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet Noel Sultana v. Andrew Mercieca, Rik. 10/10, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Novembru 2010.

*xiex jittratta d-dejn, iżda wkoll kif għandu jiddefendi ruħu għall-interpellazzjoni li qed issirlu. Proprio għaliex il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta hija intiża biex jiġi ottenut titolu eżekuttiv mingħajr il-ħtieġa ta' proċedimenti ġiudizzjarji ulterjuri, f'każ ta' nuqqas ta' kontestazzjoni da parte tad-debitur, huwa neċessarju li dik l-ittra jkun fiha d-dettal kollu meħtieġ biex id-debitur ikun jaf mhux biss dwar x'hiex jittratta d-dejn iżda wkoll biex ikun f'posizzjoni li jista' jiddeċiedi jekk għandux jammetti t-talba jew jopponiha in toto jew f'parti minnha biss. Il-proċedura in kwistjoni hija intiża biex jitnaqqsu n-numru ta' kawżi quddiem il-Qrati, biex jitnaqqsu l-ispejjeż u biex titħaffef il-proċedura għall-ħlas ta' djun, iżda dan ċertament ma għandux ikun ta' detriment u preġudizzju għad-drittijiet ta' debitur, fosthom id-dritt li jiddefendi ruħu kif jixraq. Huwa għalhekk illi l-Leġislatur rabat in-nullità tal-proċedura u konsegwenti titolu eżekuttiv derivanti minnha, man-nuqqas ta' wieħed mir-rekwiżiti rikjesti ad validitatem ta' l-ittra uffiċjali, elenkati fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konferma ta' dawn l-osservazzjonijiet tirriżulta minn dak enunċjat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Gouder et v. Zammit, esebita mir-rikorrent waqt it-trattazzjoni tar-Rikors. Wara li kkunsidrat is-sentenza Sultana v. Mercieca u l-prinċipji enunċjati fiha, il-Qorti ta' l-Appell żiedet tgħid li minn dik is-sentenza wieħed jifhem aħjar x'għandu jkun l-element kostituttiv ta' l-ittra uffiċjali għall-espressjoni leġislattiva tad-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Dan mhux mingħajr raġuni ġjaladarba l-użu ta' l-att ġudizzjarji innovattiv introdott fil-liġi proċedurali, ex-Artikolu 166A, hu intiż bl-iskop li jevita l-proċediment ġudizzjarju tal-kawża (Artikolu 154 et sequitur) u l-ħela ta' enerġija u spejjeż żejda, fl-istess waqt li joħloq t-titolu eżekuttiv. Mhux allura biżżejjed li fl-ittra uffiċjali wieħed jillimita ruħu ghar-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f'dan il-każ, 'appalt ta' injam' – imma għandu ukoll skond ir-regola normattiva u, għaliex le, il-bon sens, jiċċertifika l-elementi kollha fattwali għax minn dawn tiddependi, għat-tutela tad-difiża tad-debitur, l-interess leġittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt għal liema qed jintalab il-ħlas u b'hekk ikun fi grad aħjar li jametti jew jirripella, il-każ, il-pretiża tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti il-kliem 'appalt fuq l-injam", ma jikkostitwixxux dikjarazzjoni ċerta u ċara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut ta' l-appalt u t-termini tiegħu, l-eżekuzzjoni tiegħu, il-pattijiet dwar il-ħlas tiegħu etċetera. Wieħed ma jistax ma jfakkarx f'dik il-ġurisprudenza li tirritjeni nulla u mhux meritevoli ta' konsiderazzjoni, meta kien għadu jviġi r-rit taċ-ċitazzjoni, fejn il-kawżali tagħha tkun espressa bħala 'għal raġunijiet oħra validi fil-liġi' (Fortunata Mizzi [recte Maggi] v. Rosina Coleiro, Appell Ċivili, 14 ta' Diċembru 1949), jew 'għal raġunijiet oħra li jiġu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawża' (Carmelo Darmenia [recte Darmanin] v. Avukat Dottor Charles Moore nomine, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 14 ta' April, 1964). B'egwal forza maġġuri dan huwa hekk ukoll il-każ hawnhekk trattasi li hi l-ittra uffiċjali li tikkreja per saltum titolu eżekuttiv. Irid jingħad imbagħad b'rabta għall-proviso ta' l-Artikolu 789 fuq riferit illi għall-ittra uffiċjali de qua lanqas ma hi akkonsentita jew permissibbli d-debita korrezzjoni ġjaladarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja għaddiet fil-fazi eżekuttiva tagħha.*

Meta l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/15 mibgħuta mill-Intimat lir-Rikorrent tiġi ikkunsidrata fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi, jirriżulta li din ma tissodisfax il-vot tal-Liġi għal dak li jirrigwarda l-ħtiġijiet għall-validità tagħha.

Huwa evidenti mill-korp ta' l-Ittra Uffiċjali li l-Intimat qed jinterpella lir-Rikorrent biex iħallsu danni sofferti in segwitu għal inċident li fih kien involut l-istess Rikorrent bit-trukk ta' l-Intimat bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBM-205, fis-6 ta' Diċembru 2014, liema inċident skond l-Intimat seħħ minħabba *n-nuqqas ta' kompetenza tiegħek biex timmanuvra l-vettura in kwistjoni, flimkien man-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku l-fatt li inti kont taħt l-influenza tax-xorb.* L-Intimat fil-fatt interpella lir-Rikorrent biex iħallsu s-somma ta' €10,103.60 rappreżentanti *l-ispejjeż inkorsi minnu biex jixtri l-materjal u jħallas lill-persuni kompetenti biex isewwu l-ħsarat kaġġunati minnek fuq il-vettura tiegħu u l-ispejjeż inkorsi minnu sabiex sakemm tissewwa l-ħsara, jikri vettura oħra u jkompli bix-xogħol tiegħu ta' ġbir ta' skart, flimkien ma' l-imgħax dovut fuq l-ammont hawn fuq indikat skond il-Liġi.* Fil-fehma tal-Qorti d-difett fl-Ittra Uffiċjali in kwistjoni huwa proprio hawn, u cioè li mhux biss l-Intimat ma tax *breakdown* tas-somma minnu pretiża mingħand ir-Rikorrent imma lanqas ma ppreżenta fatturi u/jew irċevuti relattivi għad-danni minnu allegatament inkorsi. Bażikament l-Intimat talab il-ħlas ta' somma mhux negliġibbli, liema somma skontu hija ċerta, likwida u dovuta, mingħajr ma ressaq ma' l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni l-ebda prova, lanqas imqar l-iċken prova, in sostenn tal-*quantum* tad-danni pretiżi minnu.

Dan in-nuqqas ma jistax jiġi bbilanċjat bil-fatt li l-Intimat ta informazzjoni oħra, ad eżempju dwar id-data ta' l-inċident, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura involuta u l-bażi tal-pretensjoni tiegħu fil-konfront tar-Rikorrent. Jekk ir-Rikorrent ġie interpellat iħallas somma ta' ben €10,103.60 rappreżentanti danni kawżati minħabba allegata negliġenza tiegħu, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li r-Rikorrent kellu jitqiegħed f'posizzjoni li jkun: (i) jaf min xiex jikkonsisti l-kreditu pretiż mill-Intimat; u li (ii) fil-fatt l-ammont pretiż mill-Intimat kien kreditu a favur tiegħu, iktar u iktar meta l-interpellazzjoni għall-ħlas saret permezz tal-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-Ittra Uffiċjali in kwistjoni l-Intimat ittenta jissosstanzja l-pretensjoni tiegħu li l-ammont minnu pretiż kien dejn ċert, likwidu u dovut in bażi għall-asserzjoni li *fl-istqarrija li inti* (ossia r-Rikorrent) *tajt lill-Pulizija ammettejt illi l-aċċident fuq imsemmi seħħ unikament bi ħtija tiegħek, minħabba n-negliġenza u t-traskuraġni tiegħek. Nonostante dan, u minkejja li l-mittenti digà interpellak sabiex tissalda l-ammont dovut, inti bqajt inadempjenti.*

*Dato ma non concesso* li l-istqarrija li r-Rikorrent irrilaxxa lill-Pulizija Eżekuttiva fis-6 ta' Diċembru 2014[13], tikkostitwixxi ammissjoni ta' responsabilità għall-inċident in kwistjoni u b'hekk tirrendih passibbli għall-ħlas tad-danni, b'daqshekk ma jfissirx li r-Rikorrent għandu per forza jħallas l-ammont reklamat mill-Intimat mingħajr ma jkollu dritt ikun jaf minn xi jikkonsisti dak l-ammont u li tali ammont fil-fatt jirrappreżenta d-danni effettivament inkorsi mill-imsemmi Intimat. Dana l-Qorti qed tgħidu mingħajr lanqas biss ma tipprova tidħol fil-kwistjoni dwar l-ammissiblità ta' l-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija Eżekuttiva fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward u fid-dawl tal-fatt li l-istqarrija esebita f'dawn il-proċeduri ttieħdet f'ħin meta r-Rikorrent kien kjarament taħt l-effett ta' l-alkohol.

[13] Dok. "A" a fol. 31 u 32 tal-proċess.

Fil-kors tas-smigħ tal-proċeduri odjerni l-Intimat ipprova jissosstanzja l-pretensjoni tiegħu fil-konfront tar-Rikorrent tramite x-xhieda ta' Dr. Charlene Muscat, l-Avukat tiegħu ta' dak iż-żmien u li rrediġiet l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni. Dr. Muscat[14] fil-fatt, in risposta għall-mistoqsija *issa dak li għandu x'jaqsam mal-ammont, kif wasaltu għal-likwidazzjoni tal-ammont fil-166A?,* iddikjarat *jiena bħala uffiċjal tal-Qorti, dak iż-żmien kienu għallmuna u kont għadni kemm gradwajt illi l-avukat huwa uffiċjal tal-Qorti, jiena rajt l-affarijiet illi kelli preżentati quddiemi, għamilt is-summations jiġifieri pruvajt ngħin lill-Qorti għal dak illi huwa dovut u għall-verità fil-każ.*

Bid-dovut rispett lejn Dr. Muscat, tali risposta hija assolutament inaċettabbli. Anke jekk avukat jitqies li huwa uffiċjal tal-Qorti, huwa/hija qatt ma jista' jissosstitwixxi d-dikjarazzjonijiet u/jew konteġġi tiegħu jew tagħha għal provi li debitur bl-iktar mod evidenti għandu dritt għalihom. Il-fatt li Dr. Muscat ikkonfermat li l-konteġġi tagħha wasslu għas-somma globali ta' €10,103.60 xorta ma jurix - bil-mod kif meħtieġ għall-finijiet ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta - li l-ammont reklamat effettivament jikkostitwixxi dejn ċert, likwidu u dovut tar-Rikorrent versu l-Intimat, anzi xejn affattu. Jiġi osservat ukoll illi anke kieku dan l-ammont kellu jiġi ppruvat f'dan l-istadju, xorta waħda d-difett fl-Ittra Uffiċjali maħruġa a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jiġix sanat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma għandhiex alternattiva oħra għajr li tilqa' t-talba tar-Rikorrent għad-dikjarazzjoni ta' nullità tat-titolu eżekuttiva ta' l-Intimat fil-konfront tiegħu u konsegwenti rexissjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1985/15 fl-ismijiet "Jonathan Zammit v. Ammarit Nattapong", hekk bbażata fuq il-fatt li l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 604/15 mibgħuta lilu mill-Intimat ma fihiex il-ħtiġijiet stipulati fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-Rikorrent u filwaqt li tiddikjara t-titolu eżekuttiv miksub mill-Intimat fil-konfront tar-Rikorrent permezz ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 604/15 null u mingħajr effett fil-Liġi, tħassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1985/15 fl-ismijiet "Jonathan Zammit v. Ammarit Nattapong".

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1985/15 fl-ismijiet "Jonathan Zammit v. Ammarit Nattapong" għandhom jiġu sopportati mill-Intimat.

**Mogħti llum 21 ta' Ġunju 2021**

**MAĠISTRAT**

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2021, fol. 63 sa' 65